2024/2479

3.10.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 125/2024

tat-12 ta' Ġunju 2024

li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2024/2479]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/896 tal-5 ta' Diċembru 2023 li jemenda d-Direttiva (UE) 2016/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jadattaw l-ammonti bażi tal-euro għal assigurazzjoni ta' indennizz professjonali u għall-kapaċità finanzjarja tal-intermedjarji tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni [1] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness IX tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 13e (id-Direttiva (UE) 2016/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IX tal-FtehimŻEE:

"- **32024 R 0896**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/896 tal-5 ta' Diċembru 2023 (ĠU L 2024/896, 20.3.2024)."

Artikolu 2

It-test tar-Regolament Delegat (UE) 2024/896 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-13 ta' Ġunju 2024, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

[1] ĠU L, 2024/896, 20.3.2024.
(*) Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Ġunju 2024.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Nicolas VON LINGEN